MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 770/2009

**Dr Stefano Filletti bhala stralcarju**
**tas-socjeta' Inter Pharma Co Limited (C-7674)**
**Vs**
**The Village Pharmacy Limited (C-29487)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' erba' mija u hmistax-il ewro u disgha u sebghin centezmu (€415.79) rapprezentanti prezz ta' prodotti farmacewtici w prodotti ohra mibjugha u konsenjati lis-socjeta' intimata fuq talba taghha stess (fattura mmarkata bhala dokument '1"- annessa mat-talba)

Illi ghalkemm, is-socjeta' konvenuta, giet interpellata diversi drabi ghal hlas (document '8') is-socjeta' baqghet inadempjenti.

Illi r-rikorrent gie mahtur bhala stralcarju tas-socjeta' InterPharma Limited (C 7674) permezz ta' digriet datat 6 ta' Frar, 2009 fir rikors numru 1248/07 Bl-JRM.

Bl-ispejjez, inkluzi hamsa u ghoxrin ewro (€25) ghall-ittra legali tad-9 ta' Settembru, 2008 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Is-socjeta' ntimata ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn qalet li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi hija intempestiva u l-ammont mitlub huwa ferm eccessiv u dana wara li s-*salesperson* tas-socjeta' Interpharma Co Ltd, infurmat lis-socjeta' esponenti li dik ta' l-ewwel kienet fi stat ta' stralc; is-socjeta esonenti talbet lill-istess socjeta'; Inter Pharma Co Ltd, sabiex tigbor il-merci li kienet ikkunsinjat lis-socjeta' esponenti (peress illi s-socjeta; Interpharma Co Ltd ma setghetx toffri solitu *sales back up* lis-socjeta' esponenti) u tohrog nota ta' kreditu ghall-valur tieghu u prospett aggornat bil-ghan li s-socjeta' esponenti thallas il-bilanc rimanenti.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Ra d-digriet ghall-hatra tal-Avukat Dr Stefano Filletti bhala stralcatarju tas-socjeta' Interpharma Co Ltd fid-9 ta'Frar, 2009 mill-Onorabbli Qorti Civili (Prim'Awla).

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' x-xhieda ta' Dr Stefano Filletti, Mario Debono u Stefania Falzon.

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar hlas, tas-somma mitluba, rapprezentanti prodotti mibjugha u kunsinjati mis-socjeta’ Interpharma Co Ltd li llum tinsab taht ordni ta’ stralc dekretat fid-9 ta’ Frar, 2009 mill-Qorti Civili (Prim’ Awla). Illi l-kumpanija The Village Pharmacy Limited kienet qieghda tidher bhala debitur fil-kotba tas-socjeta’ Interpharma Co Ltd u wara diversi tentattivi u interpellazjonijiet min-naha tal-istralcatarju sabiex id-debitu jithallas, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

It-Tribunal sema’ l-istralcarju jispjega li s-socjeta’ Interpharma Co Ltd kienet bieghet u forniet lis-socjeta’ konvenuta b’diversi prodotti relatati ma’ prodotti kosmetici u prodotti varji. Izda sal-lum baqghet ma thallsitx.

Intqal mis-socjeta’ attrici li ghalkemm kien jinghad mis-socjeta’ konvenuta li kien hemm ftehim li l-prodotti jergghu lura meta ma jinbieghux, irrizulta mir-*records* li l-istralcarju kellu, li kien hemm diversi noti ta’ kreditu li kienu nhargu izda mhux ghad-debitu msemmi. Illi bhala stralcarju huwa ma setghax jaccetta li jiehu l-prodotti lura ghaliex taht il-principju ta’ likwidazzjoni stralcarju ghandu jigbor biss flus u mhux stokk skadut. Illi l-istralcarju, bhala stralcarju, lanqas kellu s-setgha u l-jedd li johrog nota ta’ kreditu ghaliex kien johloq precedent ma’ debituri ohra. L-istralcarju intqal lilu mis-socjeta’ konvenuta, li l-ftehim li kien hemm bejn is-socjeta’ konvenuta u l-Interpharma Co Ltd kien li s-socjeta’ Interpharma kellha l-obbligu li tiehu prodotti lura meta ma jinbieghux. Izda dan il-ftehim ta’ negozu kien biss wiehed verbali. Illi meta l-istralcarju avvicina lid-diretturi tas-socjeta’ Interpharma huwa gie nfurmat li huma kienu jiehdu x-xoghol lura mill-klijenti, biss b’kortesija u ma kienx il-ftehim ewlieni. Illi dan kien servizz oltre l-limiti tal-ftehim li huma kienu joffru lill-klijenti sabiex ma jitilfuhomx. L-istralcarju sostna li s-socjeta’ li kienet qieghda tbiegh il-prodotti ma kellha ebda obbligu li tiehu x-xoghol lura. Intqal illi l-farmaciji kollha rrispettaw dan il-ftehim u hallsu l-istralcarju hlief ghas-socjeta’ konvenuta.

Illi mill-provi tas-socjeta’ konvenuta, t-Tribunal ra li x-xiri kien isir a bazi ta’ kunsinja u din il-prassi ntwirtet mis-

socjeta’ precedenti li kienet topera u tinnegozja mas-socjeta’ Interpharma Co Ltd. Illi dan it-tip ta’ negozju kien ilu ghaddej mis-sena 2001. Illi rrizulta li s-socjeta’ Interpharma kellha xi problemi ma l-azzjonisti u meta nqalghu l-problemi d-direttur tas-socjeta’ konvenuta ried jaghti x-xoghol kollu li kien xtara lura. Di fatti kien tkellem mas-*sales girl* tas-socjeta’ Interpharma Co ltd u ried illi jibqa’ b’din l-istess sistema mas-socjeta’ li kienet hadet *over* izda s-socjeta’ gdida li kienet hadet dawn id-ditti, ma riedetx tohrog nota ta’ kreditu ghal dawn l-oggetti.

Intqal minn Mario Debono, ir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, li meta kien ikun hemm xi prodotti li ma jimxux dawn kienu jintbghatu lura. Gie kkonfermat li ftehim bil-miktub dwar dan it-tip ta’ negozju *on consignment* ma kienx hemm bejn il-partijiet izda insista li s-sistema ta’ bejgh bil-konsenja kien ilu jahdem biha ghal hafna snin.

Xehdet ukoll spizjara li tahdem mas-socjeta’ konvenuta fejn qalet illi tul is-snin li hija kienet tahdem hemm, fi zmien li s-socjeta’ Interpharma Co. Ltd. kienet topera, kien hemm ftehim verbali li s-socjeta’ InterPharma Ltd tiehu l-prodotti lura.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa d-dokumenti kollha ezebiti in atti, partikolarment il-fatturi u *statement of account*s ezebiti. It-Tribunal ra li huwa minnu li jirrizulta xi sistema ta’ noti ta’ kreditu izda ra ukoll illi dawn in-noti ta’ kreditu li kienu jinhargu kienu fuq ammonti zghar u mhux fuq l-ammont shih tal-fatturi. Illi fil-kaz in ezami ra li minn fattura wahda ta’ erba’ mija, tlieta u hamsin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€453.27) li giet ezebita mat-talba, ra li kienet diga’ nharget nota ta’ kreditu fuq dik il-fattura. Illi ra ukoll li jekk wiehed jezamina sewwa il-‘*history records’* li inzammu ra li kien ikun kreditat persentagg zghir mill-konsenja/fattura u mhux il-konsenja/fattura shiha.

Ra li fil-kaz in kwistjoni s-socjeta’ konvenuta qieghda tikkontesta l-hlas tal-fattura bil-prodotti kollha kif elenkati.

Illi l-fatturi ezebiti mat-talba jindikaw fattura wahda ewlenija b’ammont sostanzjali ta’ erba’ mija, tlieta u

hamsin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€453.28) li minnu kien inhareg diga' xi nota ta' kreditu f'ammont zghir.

It-Tribunal huwa sodisfatt li in sostenn tax-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta, ma ngabet ebda prova konvincenti mill-istess socjeta' konvenuta lit-Tribunal li dawn il-prodotti ghadhom fil-pusess taghha u lanqas qatt ma gew depozitati il-Qorti izda inzammu allegatament fl-imhazen taghhom u thallew jiskadu. It-Tribunal ra li dawn l-oggetti gew konsenjati fil-15 ta' April, 2008 u ra lli l-ewwel ittra interpellatorja lis-socjeta' konvenuta kienet intbaghtet f'Settembru, 2008 sabiex jithallas d-debitu rimanenti. Illi l-iskuza tas-socjeta' konvenuta li xi whud mill-oggetti llum jinsabu skaduti ma treggiex ghaliex fil-perjodu tal-bejgh in kwistjoni zgur illi l-prodotti kienu ghadhom ma skadewx u minflok li s-socjeta' konvenuta ddepozitathom il-Qorti dehrilha li thallihom jiskadu waqt li kienu fil-pussess taghha. Illi lanqas l-ftehim ta' bejgh *on consignment* fil-fehma tat-Tribunal ma giex ippruvat. It-Tribunal jifhem illi dan it-tip ta' ftehim kien biss wiehed ta' kortesija. It-Tribual jifhem illi negozjant ikun irid jaggevola lill-klijent izda fil-kaz in kwistjoni ma jidhirlux illi n-negozjant ghandu bil-fors jiehu lura l-oggetti mibjugha lilu jekk dan ma jkunx irid jehodhom lura. Illi huwa minnu li s-suq Malti huwa zghir u ghaldaqstant tezisti kompetizzjoni qawwija, izda t-Tribunal jifhem ukoll illi fil-kaz in kwistjoni ma kienx hemm ftehim bil-miktub u li l-ftehim kien wiehed ta' bejgh. Ra ukoll illi fil-kunsinja partikolari tal-kaz, is-socjeta' konvenuta kienet inghatat nota ta' kreditu ta' ammont zghir izda mhux fl-ammont shih kif qieghda tippretendi s-socjeta' konvenuta u ghalhekk hija l-fehma tat-Tribunal li l-pretensjoniet tas-socjeta' konvenuta li trodd lura xi oggetti minn dik il-fattura ta' erba' mija, tlieta u hamsin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€453.28) giet ukoll sodisfatta meta s-socjeta' Interpharma Co Ltd kienet harget nota ta' kreditu ghal dik il-konsenja/fattura partikolari datata 15 ta' April, 2008.

Illi t-Tribunal huwa ukoll tal-fehma li jekk xi prodotti llum skadew, dan huwa biss it-tort tas-socjeta' konvenuta li m'ghamlitx hilitha sabiex tbejgh il-prodotti li kienu jinsabu fil-pusess taghha fiz-zmien ta' meta kienet irceviet l-ittra

interpellatorja ghall-hlas mill-istralcarju f'Settembru tal-2008. Illi hija l-fehma ukoll ta' dan it-Tribunal li s-socjeta' konvenuta ma ppruvatx l-ezistenza ta' dawn il-prodotti quddiem dan it-Tribunal u lanqas ma kkonvinciet lil dan it-Tribunal illi l-prodotti kollha, llum, jinsabu fil-pussess taghha.

It-Tribunal, wara li sema' u ezamina l-provi kollha migjuba quddiemu fil-kaz in kwistjoni ra li l-ftehim kien wiehed ta' bejgh u mhux *on consignment* u ghalhekk jidhirlu li s-socjeta' attrici ppruvat it-talba attrici u ghaldaqstant, id-debitu ghadu dovut mis-socjeta' konvenuta.

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici filwaqt illi jirrespingi l-eccezjonijiet tas-socjeta' konvenuta u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur fis-somma t'erba' mija u hmistax-il ewro u disgha u sebghin centezmu (€415.79) bl-ispejjez kif mitluba.

Spejjez sopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------